**Minuti tat-Tlieta Għoxrin (23) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar il-Gimgħa 20 ta' Novembru 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija.** — Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsilier |
| | |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

***Skużati għal-Laqgħa:***

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tnejn u Għoxrin (22) Laqgħa tal-Kunsill**

Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 22

Il-Minuti tat-Tnejn u Għoxrin (22) Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija.

Il-Minuti tat-Tnejn u Għoxrin (22) Laqgħa ġew approvati u ffirmati hekk kif ippreżentati.

**2.00 Punti Mqajma (Laqgħa 21)**

Flower Kiosk f'Misrah il-Bajja

2.01 L-appell kontra dan l-iżvilupp ġie ppreżentat lill-MEPA. Il-Kunsillier Frank Gauci, poġġa fuq il-mejda id-deċiżjonijiet tal-MEPA hawn annessi relatati ma' dan l-iżvilupp.

* Il-Kunsillier Jason Camilleri daħal fil-kamra.

Twaħħil ta' posters ma' arbli

2.02 Il-Kunsillier Peter Abela ġibed l-attenzjoni li twaħħlet xi tabella bl-isem ta' Triq il-Makku. Ġie deċiż li nistaqsu lid-Dipartiment dwar min ser jinforza sabiex jitneħħew il-*posters* minn mal-arbli.

Monument tan-Nawfraġju ta' San Pawl

2.03 Issejħet laqgħa mal-Istitut Soċjo Kulturali San Pawl, fejn ġie deċiż li l-perit jiltaqa' mal-iskultur Camilleri Cauchi li ppreżenta l-abbozz li ġie magħżul, sabiex jaraw l-ispeċifikazzjonijiet u li l-art tar-roundabout ta' erba' mwieżeb tiġi devoluta lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra lill-Onor Ministru Pullicino sabiex jiltaqa' mal-kumitat bil-għan li naraw x'għajnuna finanzjarja jista' joffri bil-għan li jkun lest sas-sena Pawlina li dwarha kien hemm korrispondenza mal-Onor Tonio Borg dwar dan il-monument fil-passat.

Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li meta kienet qegħda ssir ir-roundabout ta' Erba' Mwieżeb, kien issuġerixxa li jsir bażi għall-monument. Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li sa fejn jaf hu hemmhekk hemm *reservoir*.

2.04 Il-Kunsill għandu jikteb lill-ADT sabiex jinfurmah li hemm il-lapida nieqsa. Għajn tal-ilma

2.05 Wara ġie infurmat li l-attivitajiet ta' The Inspire Foundation isiru bla ħlas, il-Kunsill approva li jħallas it-trasport għal dawn it-tfal bi bżonnijiet speċjali li jgħixu fil-lokalita'. The Inspire Foundation

2.06 Minkejja li ntbaghtu avviżi bieb bieb għal din il-laqgħa attendew ħames persuni biss, is-Sindku u tlett kunsilliera. Waqt din il-laqgħa l-Kunsillier Alfred Grima ressaq suġġeriment lill-iżvilupattur li l-Kunsill għandu jingħata sular u għandu jitlob lill-MEPA biex jiżdied sular bħala rikumpens għal dan, bħalma ġara fil-każ tal-Parkeġġ tal-Bluewaters. Il-Kunsill għandu jikkonferma mal-iżvilupattur dwar dan. Triq Gdida fi Triq Annetto Caruana

Il-Kunsillier Frank Gauci issuġġerixxa li f'każ li ma jaqbilx, għandu joffri lill-Kunsill żewġ garaxxijiet mat-triq.

Il-Kunsillier Peter Abela ippropona li għandha tintbaghat ittra lill-Prim Ministru u li għandu jkun hemm *common policy* li l-iżviluppattur għandu jħalli 50% tal-parkeġġi tal-karozzi lis-sidien ta' l-istess binja.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li l-permess diġa jobbliga li sid il-post għandu jżomm parkeġġi għar-residenti. Hemm bżonn li din il-klawsola tiġi nfurzata.

Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Perit, l-iżviluppatur u l-Kunsill.

2.07 Il-Librerija ser tibda' tinfetaħ mis-Sibt 21 ta' Novembru 2009. Avviżi twaħħlu man-Notice Boards u ntbagħtu lill-iskola u lin-newsletter subscribers. Estensjoni ta' ftuħ għal Librerija Pubblika

2.08 Wara li l-Kunsill ġie infurmat li l-uffiċjal tat-Taqsima Xogħolijiet Pubbliċi ma aċċettax li jintbagħat Inġinier ta' l-istess taqsima, il-Kunsill għandu jistaqsi għaliex dan l-extractor ma sarx meta kien hemm il-kuntratt mal-istess taqsima. Extractor għall-garaxx ta' Burmarrad

2.09 Il-Paramount informa lill-Kunsill li l-kontijiet mibgħuta huma ta' l-istess kumpanija u li jistgħu jiġu vverifikati mill-VAT number li huwa l-istess. Rendikont ta' }ruġ ta' Fondi

Il-Kunsillier Mario Camilleri talab kopja tal-iskedi tal-pagamenti tas-snin 2008 u 2009.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-attivita' tal-Griegi kienet matul is-sena finanzjarja li spiċċat fl-aħħar ta' Marzu 2009 u li kien hemm kwotazzjonijiet separati miġbura għal din l-attivita' partikolari.

L-*increment* tal-iskrivani jrid jiġi approvat mill-Kunsill. Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa sabiex niċċekjaw jekk għandux jingħata l-increment dovut jekk ikun hemm twissija anke jekk verbali.

2.10 Id-Direttur tal-Gvern Lokali rrisponda lill-Kunsill li jista' imexxi għas-servizz ta' emerġenza fuq iż-żewġ kwotazzjonijiet miġbura kemm-il darba hemm ġustifikazzjoni, filwaqt li jmexxi għall-ħruġ tal-istess offerta. Ġbir Temporanju ta' Skart Domestiku

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa jekk l-isem ta' Northern Cleaning għadux l-istess jekk le għandha ssir korrezzjoni fil-minuti.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 **Ref:55/8479/09/I:** It-taqsima tax-xogħolijiet pubbliċi nfurmat lill-Kunsill, li kwotazzjoni għal servizz ta' sand blasting lit-taqsima tal-manutenzjoni u kostruzzjoni tar-*railings* tal-Promenade ta' Bugibba skadiet. l-Kunsill approva li jinġabru tlett kwotazzjonijiet. Kwotazzjoni għal Sand Blasting

3.02 **Ref:55/7475/09/I:** Il-Kunsill approva li jirriklama qies doppju ta' *business card* għall-prezz ta' €90 fil-kalendarju annwali tal-Kumitat Festa Marija Sultana tal-Martri tal-lokal. Riklam

3.03 Wara li saret il-laqgħa mal-Health & Safety Unit ġie nnutat li l-Kunsill huwa obbligat bil-liġi maħruġa fl-2002, li jsir risk assessment minn nies imħarrġa li isimhom jidher fuq il-websajt tal-unit. Xogħolhom huwa biss li jidentifikaw *hazards* fuq il-post tax-xogħol f'każ li jkun hemm periklu għall-ħaddiema. Health & Safety

Dwar security wiehed irid jitkellem mal-pulizija.

Gie deċiż li l-Kunsill jiġbor tlett kwotazzjonijiet għal dan is-servizz.

3.04 **Ref: PA7794/06:** Saret laqgħa bejn l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu u l-Kunsill fejn ġejna nfurmati li l-offerta ġiet aġġudikata u dalwaqt għandu jinbeda l-proġett. Proġett f'Ta Fra Ben

Il-proġett se jikkonsisti f'li jsir passaġġ madwar l-akkwata tat-Torri Ta' Fra Ben tindif tal-materjal bil-għan li jinkixef il-blat, tinħoloq trejqa minħabba l-bugħaddasa, isiru *railings* tal-istainless steel li jitneħħew fl-istaġun tax-Xitwa. Se jsir *refurbishing* tal-latrini pubbliċi ezistenti minn gewwa u se jkunu coin *operated* u bix-showers u b'toilets tal-*istainless steel*, hemm xi problemi peress li jrid jinbena ħajt fil-baħar biex jilqa' ir-ramel.

Is-Sindku ppreżentat kopja tal-pjanti. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Alfred Grima, is-Sindku kkonfermat li l-Kunsill mhux ser joħroġ fondi għal dan il-proġett.

Issemma' l-proġett tat-Torri Wignacourt li għaddej fi-proċess tal-għażla tal-offerti liema proġett stmat li jiswa 1.6 miljun ewro *plus* il-VAT.

Hemm proviso li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' dan il-proġett la darba jkun lest.

3.05 **Ref:55/7548/09/I**: Il-proġett sabiex ikun hemm twaqqif ta' ristorant u klabb house, issir kostruzzjoni ta' binja ġdida għal terazzin, area tal-bar u landscaping madwar il-pool, madwar il-Water Polo Pitch tas-Sirens / Restaurant Xatt il-Lanċa fi Triq San Geraldu, ġie approvat. Full Development Permission PA06794 / 01

3.06 Il-Kunsill approva li titressaq talba għal *No Entry except for Un/Loading* fi Triq Sant'Antnin sal-11am in-naħa tal-pjazza. Un/loading fil-pjazza ta' Buġibba

3.07 **Ref: 55/7995/09/I:** Il-proposta tal-Kunsill sabiex iwaqqaf il-Kunsill Lokali Zgħażagħ fil-lokalita ġiet aċċettata. Il-Kunsillier Frank Gauci attenda għal-laqgħa. Kunsill Lokali Zgħażagħ

3.08 **Ref:55/8021/09/I:** L-eks Sindku ġie msejjaħ mill-qorti sabiex jixhed fuq kawża tal-Kunsill. Minkejja li l-avukat kien infurmat, ma dehrx biex jassistieh. Ġie deċiż nitolbu spjegazzjoni lill-avukat dwar dan. Xiehda mill-eks-Sindku

3.09 **Ref:55/8102/09/I:** Fost il-miżuri mħabbra fil-budget hemm dik ta' *public private partnership* li dwarha s-Sindki se jkollhom laqgħa ta' informazzjoni. Public Private Partnership

3.10 L-assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsill li ħarġu dawn il-permessi: Permessi għal Imwejjed u Siġġijiet

| **Referenza** | **Sit** |
|---|---|
| 55/7921/09/I | *Little Italy*, Triq Sant' Antnin c/w Triq ir-Rebbiegha Bugibba |
| 55/7920/09/I | *Sans Souci Restaurant*, Triq il-Halel Bugibba San Pawl il-Baħar |
| 55/7918/09/I | *Monavale*, Triq il-Halel Bugibba |
| 55/7917/09/i | *Villa Mare*, Misrah il-Bajja Bugibba |
| 55/7916/09/I | *Traveller's Restaurant*, Triq il-Korp tal-Pijunieri San Pawl il-Bahar |
| 55/7915/09/I | *Anusuya Indian Restaurant* 172, St Anthony's Street Bugibba |

3.11 Il-Kunsill ġie mistieden sabiex iżur l-uffiċċju tal-Aġenzija Appoġġ tal-Qawra fejn hemm jaħdmu tlett *social workers* u *community worker full time*. Wara li r-rappreżentanti tal-Kunsill ġew imdawra l-uffiċċini l-ġodda, li bdew joperaw, inkluż id-*Day Childcare Centre*, il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li mhuwiex infurmat dwar is-servizzi mogħtija lir-residenti tal-lokal ta' dan iċ-¬entru. Għaldaqstant ġie deċiż li dan l-uffiċċju jibgħat l-informazzjoni lill-Kunsill dwar is-servizzi li joffru. Din għandha tiġi ċċirkulata fil-lokal permezz tal-mezzi offruti mill-Kunsill.

Laqgħa Aġenzija Appoġġ u Ingaġġ ta' Community Worker/ Child Day Care Centre

Is-Sna Fleri Soler qalet li l-Kunsill Lokali tal-Belt joffri servizz ta' *Community Worker* li qed jagħti riżultati pożittivi u ssuġġerit li l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar għandu jikkunsidra li wkoll jingaġġa *Community Worker* speċjalment la darba jkun hawn għarfien ta' dawn is-servizzi.

Il-Kunsillier Mario Camilleri inkarigat mill-aspetti soċjali kkunsidra li filwaqt li fil-kwantita ta' *manpower* qatt mhu biżżejjed, il-Kunsill għandu jimpjega *community worker* fuq bażi part-time sabiex jagħti servizz ta' għoxrin siegħa fil-ġimgħa u jkun stazzjonat f'dan l-uffiċċju, suġġett li jagħti *feedback* lill-Kunsill. B'hekk il-Kunsill jiffranka l-ispiża tal-fuel, telefown u spazju ta' uffiċċju. Issekondat din il-proposta s-Sindku Graziella Galea. Il-proposta għaddiet *Nem Con*.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li jinsab iddiżappuntat li l-Kunsill ma kienx infurmat li d-*Day Childcare Centre* beda jopera u staqsa fuq liema kriterji qed jintgħażlu t-tfal, aktar u aktar meta ġie osservat li kien hemm bosta minnhom li mhumiex Maltin. Ġie nnutat li minn grupp ta' sitta u għoxrin, tmienja kienu barranin u li seta' kien hemm tfal ta' persuni li huma *rejects* jew li huma imigranti llegali jew qegħdin bil-viża. Il-persuna nkarigata minn dan iċ-ċentru qalet li l-kriterji tal-għazla għamluhom huma.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li ltaqa' mas-Sna Maria Gauci u se titlob laqa' mal-Kunsill biex jiġu diskussi l-kriterji.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li filwaqt li l-Kunsill għandu jirringrazzja lill-Appoġġ u juri apprezzament għal dan ix-xogħol, il-Kunsill irid juża moħħu biex jagħmel użu minnhom u fost il-kriterji m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni.

3.12 **Ref:55/8272/09/0:** Il-Kunsill ġie mogħti €5 000 għaċ-ċelebrazzjoni tal-400 sena tat-Torri Wignacourt u € 3 500 għall-Festa Bdiewa Burmarrad waqt ċerimonja li saret illlum 20 ta' Novembru 2009 wara li kien issottometta applikazzjoni ta' skema ta' attivitajiet kulturali fil-lokal.

Attivitajiet Kulturali

3.13 Il-Kunsill approva li xi bilanċ tal-leave b'vakanza madwar 15 li jkun fadlilha s-Segretarju Eżekuttiv jigu trasferiti ghas-sena d-diehla jekk ma tilħaqx teħodhom

Leave b'Vakanza tas-Segretarju Eżekuttiv

**4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol**

(a) L-iskeda ta' dħul għax-xahar ta' Ottubru 2009 ammontat għal €274 725.65.

Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

(b) L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2009 ammontat għal €175 033.34.

Rendikont ta' }ruġ ta' Fondi

Din l-iskeda ġiet approvata hekk kif ippreżentata.

(c) Il-Kunsill approva l-lista ta' ordnijiet ta' xogħol għax-xahar ta' Ottubru 2009 li ammontat għal €2 559.09.

Lista ta' Ordnijiet tax-Xogħol

Is-Sindku pproponiet li item 6 jitla' għad-diskussjoni bħala l-item li jmiss. Il-Kunsill qabel.

**6.00 Tiġdid ta' Offerti**

(i) Knis u Tindif ta' Toroq Urbani, inkluż it-Tbattil ta' Multi Litterbins

Il-Kunsill approva unanimamant li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena. Il-kuntattur għandu jintalab skeda tal-knis.

(ii) Tabelli u Sinjali mal-Art tat-Toroq

Il-Kunsill approva li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena.

(iii) Tindif ta' Toroq mhux Urbani

Il-Kunsill approva li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena.

(iv) Provvista u Manutenzjoni ta' Mobile Toilets

Il-Kunsill approva li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena. Il-Kuntrattur għandu jissottomentti rendikont tal-mobile toilets li qed jintużaw kemm tal-Kunsill kif ukoll oħrajn mikrija u għandu jiġu nfurmat biex dawk tal-pjazza jitressqu aktar lejn il-pjazza, jekk hemm post adekwat.

(v) |amma u Manutenzjoni ta' Bankini

Il-Kunsill approva li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena.

(vi) Provvista u Tbattil ta' Skips Miftuħa

Il-Kunsill approva li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena.

(vii) Provvista ta' Trasport minn u lejn ic-¬entru ta' Matul il-Jum f'San Pawl-il-Baħar

Il-Kunsill approva li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena.

(viii) |amma ta' Ġonna u Parks

Il-Kunsill approva li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena.

Is-Sindku pproponiet li item 5 jitla' għad-diskussjoni bħala l-item li jmiss. Il-Kunsill qabel.

5.00 **L-Offerta ta' |amma u Manutenzjoni ta' Latrini**

Fil-kaxxa tal-offerti li nfetħet waqt il-laqgħa, instabu erba' offerti minn ħamsa li nġabru bid-dettalji hekk kif ġej:

| Isem | Indirizz | Kuntatt | Bid Bond | Non Collusive | BOQ | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sur Anthony Frendo | Pearl Court, Flt6<br>Triq Emmanuele Pinto<br>San Pawl il-Bahar | 79258203 | € 1,164.69 | Ippreżentata | Total €18,69.11<br>01-€2 795.25<br>02-€2 795.25<br>03-€4 192.87<br>04-€4 192.87<br>05-€4 192.87 | Xemxija<br>Triq Parades<br>Bognor Beach<br>Ta' Fra Ben<br>Triq San Geraldu |
| St. Paul's<br>Band Club | Triq San Pawl<br>San Pawl il-Bahar | 79048296 | € 1, 200 | Ippreżentata | Total €33,000<br>01 - €10,000<br>02 - €6,000<br>03 - €10,000<br>04 - €10,000<br>05 - €16,000 | Xemxija<br>Triq Parades<br>Bognor Beach<br>Ta' Fra Ben<br>Triq San Geraldu |
| Is-Sna Annalise Farrugia | Blk 1, Flt 8 Scheme 3. Paola Hill | 99277032 | € 1,164.69 | Ippreżentata vojta | Total €22,000 | Ma kienx hemm prezzijiet ta' latrini separati. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Paola | | | | | |
| Is-Sur Joseph Scicluna | Gawhra Crt Blk B, Flt 6<br>Triq Paderborn<br>San Pawl il-Bahar | 99474884 | € 2,329.37 | Ippreżentata | Total €34, 450<br>01 - €6,950<br>02 - €6,000<br>03 - €7,500<br>04 - €6,000<br>05 - €8,000 | <br>Xemxija<br>Triq Parades<br>Bognor Beach<br>Ta' Fra Ben<br>Triq San Geraldu |

Ġie deċiż li jiltaqa' l-bord sabiex jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu. Il-Kunsillier Alfred Grima talab li quddiem dan il-bord jitressqu d-*default notices* u xi rapporti dwar il-kuntrattur eżistenti.

Is-Sindku pproponiet li item 13 jitla' għad-diskussjoni bħala l-item li jmiss. Il-Kunsill qabel.

13.00 **¬entru Civiku ġewwa San Pawl il-Baħar u Parkeġġ tal-Qawra**

Is-Sindku pproponiet li l-laqgħa tiġi sospiża sabiex il-perit tal-Kunsill jagħti spjega dwar dawn l-items. Il-Kunsill qabel. Car Park tal-Qawra

Meta l-laqgħa tkompliet is-Sindku spjegat li, abbażi ta' dak li ntqal, skont il-perit hemm proposta sabiex isir proġett reġjonali ta' kumpless sportiv mill-Kunsill Nazzjonali Sport, proġett li l-MEPA tista' iżomm milli jsir jekk il-Kunsill juri interess. Il-Kunsill kellu propost car park ta' madwar 2000 karozza taħt l-art liema proġett kien ġie sospiż minħabba problemi ta' spejjeż għalih. Fuq il-car park kien propost proġett ta' tisbieħ tal-akkwata flimkien ma' xi bini ieħor liema bini seta' jgħin biex jiġi ffinanzjat dan il-proġett. Is-Sindku pproponiet li l-Perit tal-Kunsill jara l-pjan lokali u jagħti l-feedback tiegħu lill-Kunsill. Fl-istess ħin għandha ssir laqgħa mal-Onor Clyde Puli, il-Kunsill u l-Perit tal-Kunsill.

Is-Sindku spjegat li abbażi ta' dak li spjega l-Perit, jekk dan il-proġett jiġi approvat, il-Kunsill jingħata sular bi spazju ta' elf u mitejn metru kwadru sabiex jilħaq il-bżonnijiet tal-uffiċċju u l-komunita. Il-proġett jinsab fil-fażi ta' konsultazzjoni pubblika. Il-Kunsill qabel ma' dan il-kunċett. ¬entru ¬iviku

7.00 **Kwotazzjonijiet:**

a) Welcome Boards
b) Bandli tal-Veċċ
c) Sistema ta' Irċevuti Elettroniċi

Is-Sindku pproponiet li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

8.00 **Espressjoni ta' Interess għall-Akkwist ta' Bini biex Iservi bħala Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Is-Sindku pproponiet li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

9.00 **Espressjoni ta' Interess għall-Funtana ta' Burmarrad**

Is-Sindku pproponiet li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

10.00 **Xoghol Infrastrutturali**

Is-Sindku pproponiet li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

11.00 (a) Dawl Dekorattiv u Tiżjin ieħor Relatat mal-Milied Milied 2009
(b) Attivitajiet Varji Siġar Festin

(c) Party għat-Tfal bi Bżonnijiet Speċjali

Il-Kunsill approva li jinġabru tlett kwotazzjonijiet sabiex jitpoġġew jew jitħawlu siġar tal-Milied tlett metri għoli jew aktar u jinxtegħlu fil-lokalita bi spiża approvata fil-budget imfassal għal dan il-għan. Il-proposti se jgħaddu għand il-kunsilliera sabiex jikkunsidraw dawn is-siti siti oħrajn jekk ikun hemm bżonn. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsill approva li jsir party għat-tfal bi bżonnijiet speċjali tal-lokal u dawk li jattendu l-iSTAND, liema spiża m'għandix teċċedi l-€400.

**12.00 Centru ta' Matul il-Jum**

L-iskawts ikkonfermaw bil-fomm kemm mad-Direttur għall-Kura tal-Anzjani kif ukoll mas-Segretarju Eżekuttiv li jaċċettaw li jospitaw lill-anzjani għal żmien temporanju mill-1 ta' Jannar 2010 sakemm jinstab post alternattiv bħala ċentru ta' matul il-jum minn Jannar '10 mingħajr ma jsiru alterazzjonijiet strutturali. Il-Kunsill talab din il-konferma bil-miktub. Sadanittant permezz tal-*Malta Hotels and Restaurants Association* ġiet iċċirkulata ittra fejn il-Kunsill wera l-interess li qed ifittex sala għall-kiri. Kien hemm lukanda waħda li talbet €300 għal kull ġurnata li jintuża l-post.

Il-Kunsillier Peter Abela kkonferma li l-Viċi-Sindku ra post li jidher li hu addattat.

**14.00 Il-Probation tal-iskrivana Candice Zarb**

Il-Kunsill approva li l-iskrivana Candice Zarb tkompli bil-kuntratt ta' xogħol wara li tiskadi l-*probation* fl-1 ta' Diċembru 2009 abbażi li kellha *performance* sodisfaċenti.

**15.00 Aġġornamenti**

**Il-Kunsillier Mario Camilleri**

15.01 ssuġġerixxa li jekk l-aġenda ma tiġix eżawrita minħabba li skont il-liġi l-ġdida il-laqgħa ma tistax iddum aktar minn tlett siegħat, għandha ssir laqgħa oħra fl-istess xahar jekk ikun hemm xi items fuq l-agenda li hemm bżonn li jiġu diskussi b'mod urġenti. — Laqgħa tal-Kunsill

**Il-Kunsillier Peter Abela**

15.02 jitneħħa l-ħajt ta' ħdejn l-Empire Cinema biex issir soft area. Għandu jittieħed il-parir tal-perit — ¬int

15.03 informa lill-Kunsill li qed ilaqqa' s-sotto-kumitat tal-SMEs li għalih qed jattendu l-MHRA, l-SPB Bars & Restaurants Association, il-Bugibba Business Community u l-GRTU fejn ġie deċiż li jitwaqqaf task force fejn se tintbagħat ittra lill-Prim Ministru. — Sotto-kumitat SMEs

**Il-Kunsillier Frank Gauci**

15.04 informa lill-Kunsill li attenda għal-laqgħa dwar il-Kunsill Lokali Zgħażagħ fejn mhux ser issir elezzjoni ghall-Kunsill |għażagħ.Għandu jkun hemm minimu ta' ħames żgħażagħ u jekk ikun hemm ħafna żgħażagħ li japplikaw se jkunu f'kumitati differenti. Fuq fażi preparatorja, iż-żgħażagħ iridu jaraw il-bżonnijiet taż-żgħażagħ u tar-raħal tagħhom. Iż-żgħażagħ ser ikollhom taħriġ speċjali minn *youth workers* imqabbdin mill-Kunsill taż-|għażagħ. Iridu jaħdmu fuq proġett li għandu jiġl sottomes sal-31 ta' Mejju 2010. Ser jintgħażlu biss tlett proġetti li jridu jitwettqu sal-31 ta' Ottubru 2010 minħabba li wara din id-data jibda Kunsill taż-żgħażagħ ieħor. Ser jingħataw massimu ta' € 10 000. Is-segretarjat se jħallas 75% tal-proġett u l-Kunsill Lokali jrid iħallas il-25%. Iż-żgħażagħ iridu jiltaqgħu tal-anqas darba fix-xahar u jridu jagħmlu l-minuti ta' kull laqgħa li jagħmlu u jibgħatuhom lill-Kunsill Lokali kif ukoll lill-Kunsill Nazzjonali |għażagħ. Is-Segretarju tal-Kunsill għandu jgħin lil dawn iż-żgħażagħ f'dan ir-rigward. Iż-żgħażagħ iridu jingħataw l-opportunita li ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali u l-Kunsilliera sabiex jipproponu l-proġett kif ukoll jaraw kif jaħdem il-Kunsill Lokali. Se jintbagħtu flyers f'kull dar ipprintjati bla ħlas mill-Kunsill Nazzjonali Zgħażagħ u posta mħallsa mill-Kunsill sabiex zgħażagħ interessati jkunu jistgħu japplikaw — Kunsill Lokali Zgħażagħ

15.05 qed jaħdem fuq skambju ta' żgħażagħ — Skambju Zgħażagħ

* Il-Kunsillier Jason Camilleri skuża ruħhu u rtira mill-kamra.

**Il-Kunsillier Alex Bezzina**

15.06 irrapporta siġra f'art privata li kibret u li tinsab fi Triq iċ-¬agħaq. Gie deċiż li ngħidu lill-ELC — Ilmenti

15.07 ġibed l-attenzjoni li fl-akkwata ta' Erba' Mwieżeb hemm xarabank li qed tingħata s-*service* u li għandha tiġi rrappurtata lill-pulizija. — Ilmenti

15.08 Ippropona li jitpoġġew xi bins fl-akkwata ta' Erba' Mwieżeb peress li xi żgħażagħ qed jinġabru hemm u jħammġu wara s-6pm. Il-Kunsill għandu jinforma lill-puliżija. — Bins

**Il-Kunsillier Alfred Grima**

15.09 ppropona li jsiru żewġ bankijiet ħdejn il-Knisja tal-Qawra. Il-Kunsill qabel. — Bankijiet fil-Qawra

15.10 Jissewwew il-belisha lights ta' ħdejn il-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. — Belisha Lights

15.11 Tintbagħat reminder dwar ir-road hump ta' Triq il-Knisja — Road Hump

**Is-Sindku Graziella Galea**

15.12 Infurmat li sar tindif ta' qiegħ il-baħar fejn is-Sirens u Tal-Fekruna bil-kollaborazzjon tal-Green Pak. Il-Girl Guides, Klabb Lotta u r-Russian Boading School għenu f'din l-attivita'. Is-Sindku irringrazzjat lil dwak kollha li b'xi mod għinu f'dan it-tindif. — Tindif Qiegħ il-Baħar

15.13 Il-Kunsill ingħata €4 973.95 dwar l-iSkema Aċċessibilita. — Skema Aċċessibilta

15.14 Infurmat lill-Kunsill li l-culvert ħdejn l-iskola tal-Wardija tlesta mill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta u se jagħmlu *patching* estensiv ta' żewġ pulzieri fond fl-akkwata. Qed jintalab xi kontribut tal-Kunsill. Il-Kunsill approva somma ta' madwar €30 000. — Culvert Wardija

15.15 Qed jinġabru kwotazzjonijiet sabiex isiru bibien ġodda fil-latrina tas-Sirens wara l-atti vandali li seħħew. Il-Kunsillier Mario Camillleri qal li dawn għandhom jissewwew mill-aktar fis possibbli. — Bibien: Latrina Sirens

**16.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li ma kienx hemm aktar x'jiġi diskuss il-laqgħa ntemmet fid-8.20pm. Data u ħin tal-laqgħa li jmiss titħabbar aktar tard.

***Perit Graziella Galea** BE & A (Hons)*
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***

27 ta' Novembru 2009

ref: 55/ 8732 / 09/ Orc